MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tal-5 ta' Gunju, 2008

Rikors Numru. 10/2005/1

**Emanuel (ID 12045G) u Rose (ID 58748G) konjugi Cardona**

**vs**

**Direttur tal-Artijiet**

Il-Bord:

Ra r-rikors tar- rikorrenti konjugi Cardona li jghid hekk

Illi l-esponenti gew notifikati bl-ittra ufficjali tad-Direttur tal-Artijiet tat-30 ta' Marzu 2005, fejn intimalhom li qieghed joffrilhom il-prezz ta' erbat elef u tlett mitt lira Maltin (Lm4,300) ghax-xiri assolut bhala liberu u frank tal-fond numru 41, Triq l-Ispizjar Sciberras, Imsida, ta' liema bini huma propretarji skond ma jirrizulta mill-istess ittra ufficjali.

Illi l-esponenti ma jaqblux mal-valur attribwit lill-intimat ghal din il-proprjeta u dan peress illi minn valutazzjoni maghmula min-nies teknici rrizulta illi l-valur ta' din il-proprjeta' huwa ta' tnax-il elf lira Maltin (Lm12,000)

Ghalhekk l-esponenti bir-rispett jitolbu lil dan il-Bord jiffissa l-valur tal-proprjeta de quo ghal fini tal-kumpens dovut lilhom mill-intimat fl-ammont ta' tnax-il elf lira Maltin (Lm12,000) kif fuq intqal, bl-imghax u bl-ispejjes.

Ra wkoll ir-risposta tad-Direttur tal-Artijiet li tghid hekk:

Illi l-esponent gie notifikat bir-rikors datat 25 t'April 2005 fl-ismijiet fuq imsemmija fejn ir-rikorrenti oggezzjonaw ghall-valur offrut lilhom mill-Gvern ta' erbat elef u tlett mitt lira Maltin (Lm4,300) ghax-xiri assolut bhala liberu u frank tal-fond numru 41, fi Triq l-Ispizjar Sciberras, Imsida u qeghdin jippretendu illi l-kumpens gust ghandu jkun dak ta' tnax-il elf lira Maltin (Lm12,000).

Illi l-esponent qieghed jibqa jsostni illi l-valur gust tal-fond huwa dak fuq citat u cioe', l-ammont ta' erbat elef u tlett mitt lira Maltin, li huwa dak l-ammont li gie ppublikat fil-Gazzetta tal-Gvern tal-20 t'Ottubru 2004 permezz tal-Avviz numru 1094.
Ghaldaqstant l-esponent qieghed jitlob lil din l-Onorabbli Bord joghgbu jiffissa l-ammont ta' erbat elef u tlett mitt lira Maltin (Lm4,300) bhala l-kumpens gust li ghandu jithallas lir-rikorrenti ghall-espropriazzjoni tal-fond fuq imsemmi.

Semgha x-xhieda bil-gurament;

Ra l-atti kollha tar-rikors;

Ikkunsidra:

Illi l-Bord kien assenja biex jassistuh lill-periti arkitetti l-AIC Renato La Ferla u AIC Jos. M. Jaccarini u li dawn ghamlu relazzjoni kongunta li hija annessa bhala parti integrali minn din is-sentenza. Illi fil-paragrafu konklussiv tar-

relazzjoni taghhom il-periti membri tal-Bord qalu b'mod unanimu hekk:

Is-sottofirmati, wara li hadu in konsiderazzjoni l-fatturi kollha li hassew li setghu jaffettwaw il-kaz, fosthom il-posizzjoni tieghu kif soggett ghall-possibilita' ta' innundazzjoni f'kazijiet ta' xita oltre n-normal, bhal ma kien jimmanifesta l-post waqt l-access, qeghdin presenzjalment jistmaw il-valur tieghu bil-prezz ta' hames t'elef lira ta' Malta – Lm5,000.

Illi l-ammont ta' Lm5,000 illum jekwivali ghall- hdax-il elf sitt mija sitta u erbghin Euro u seba u tmenin centezmu (E 11,646.87);

Ghalhekk il-Bord qed jiffissa l-kumpens xieraq dovut lilhom ghat-trasferiment b'xiri assolut bhala liberu u frank tal-fond numru 41, fi Triq l-Ispizjar Sciberras, Imsida fl-ammont ta' hdax-il elf sitt mija sitta u erbghin Euro u seba u tmenin centezmu (E11,646.87), oltre l-imghax legali ai termini tal-artikolu 12(3) tal-Kap 88.

L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mill-partijiet fi proporzjon li d-differenza fl-ammont offrut mill-awtorita kompetenti u dak hekk stabbilit mill-Bord ikollhom ghad-differenza fl-ammont mitlub mis-sid u l-ammont stabbilit mill-Bord.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------